# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2023**

**Numru 1**

**Rikors Numru 406/12/1TA**

**John Ellul**

**vs**

**Maria Parnis, Victoria Agius u Assuero Ellul**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' John Ellul (l-Attur) tal-20 ta' April 2012 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"**A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi l-kontendenti huma l-unici wlied tad-defunt Assuero Ellul illi miet nhar id-29 ta' Marzu 1998, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tal-Mewt relattiv illi kopja tieghu giet annessa mar-rikors u mmarkata **bhala Dok. RG1**;

2. Illi permezz ta' l-ahhar testment revokatorju tieghu, datat 2 ta' Frar, 1998 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, id-defunt Assuero Ellul iddispona mill-assi ereditarji tieghu billi filwaqt illi nnomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti wliedu fi kwoti

ndaqs bejniethom, halla diversi prelegati lill-istess konvenuti u halla l-legittima favur l-attur. Kopja ta' l-imsemmi testment u tad-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* maghmula mill-konvenut Assuero Ellul, refiribbilment ghas-successjoni tad-defunt missier il-kontendenti Assuero Ellul gew annessi mar-rikors, esebiti u mmarkati bhala **Dok. RG2** u **Dok. RG3** rispettivament. L-attur iddikkjara immsedjatament illi l-valuri indikati fid-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* [**Dok. RG3**] m'humiex realistici;

3. Illi permezz ta' l-imsemmi testment tieghu [**Dok. RG2**], id-defunt Assuero Ellul iddikjara li matul hajtu huwa kien ittrasferixxa b'titolu gratuwitu favur l-attur, zewg trakkijiet tal-gebel illi ghandhom, flimkien mal-gid kollu l-iehor illi t-testatur allegatament ghadda lill-attur, jigu imputati lil-legittima dovuta lill-attur skond il-Ligi;

4. Illi l-attur jichad illi d-defunt missieru Assuero Ellul qatt xi darba ghaddielu xi gid matul hajtu u jinsisti li t-trakkijiet tal-gebel illi t-testatur ghamel referenza ghalihom fit-testment tieghu [**Dok. RG2**], effettivament gew akkwistati bil-flus ta' l-attur u kienu jifformaw il-proprjeta` ta' l-attur kif jista' jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna, u kwindi ma ghandhom qatt jigu attribwiti lis-sehem dovut lill-attur mill-assi ereditarji ta' missieru;

5. Illi l-konvenuti qieghdin jonqsu milli jhallsu lill-attur il-porzjoni spettanti lilu mill-assi ereditarji tad-defunt missieru Assuero Ellul, u dana minkejja li l-konvenuti Maria Parnis, Victoria Agius gew interpellati sabiex jaghmlu dan sahansitra permezz ta' l-Ittra Ufficjali mibghuta lilhom nhar it-28 ta' Marzu 2008 [**Dok. RG4**] filwaqt illi l-konvenut Assuero Ellul kien obbliga ruhu li jaghmel tali pagament favur l-attur permezz ta' Skrittura Privata ffirmata bejnu u bejn l-attur nhar l-4 ta' Gunju, 1999 fil-prezenza tan-Nutar Dottor Daniel Caruana bhala xhud tal-firem tal-kontraenti. Kopja ta' l-imsemmija Skrittura Privata giet annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok. RG5. L-attur irrileva li l-izvilupp imsemmi fl-istess Skrittura Privata (Dok. RG5) baqa' ma sarx u effettivament qatt ma biss inbeda;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attur.

## B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

L-attur ghamel din il-kawza sabiex dina l-Qorti joghgobha, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, *ai termini* ta' l-**Artikoli 616** *et seq* u 647 *et seq* tal-**Kap.16** tal-**Ligijiet ta' Malta**, tillikwida l-assi ereditarji tad-defunt missier il-kontendenti Assuero Ellul, tillikwida l-legittima (ossia l-porzjoni rizervata) imhollija mis-successjoni ta' l-istess defunt Assuero Ellul lill-attur, u konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu *pro rata* u minghajr ebda ghazla bejniethom, il-porzjoni riservata hekk likwidata u spettanti lill-attur mill-istess successjoni.

**C. TALBIET ATTRICI**

1. Occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, *ai termini* ta' l-**Artikoli 647** *et seq* tal-**Kap 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**, tillikwida l-assi ereditarji tad-defunt missier il-kontendenti Assuero Ellul u konsegwentement, *ai termini* ta' l-**Artikoli 616** *et seq* u **647** *et seq* tal-**Kap 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**, tillikwida l-legittima ossia l-porzjoni riservata spettanti lill-attur mill-assi ereditarji tad-defunt missieru Assuero Ellul;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu *pro rata* u minghajr ebda ghazla bejniethom il-legittima ossia l-porzjoni riservata hekk likwidata u spettanti lill-attur mis-successjoni tad-defunt missieru Assuero Ellul.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2008, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, u bl-interessi legali skond il-Ligi".

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Maria Parnis (konvenuta Parnis) u Victoria Aguis (il-kovenuta Aguis) tat-30 ta' Awwissu 2012 li biha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

"1. Illi l-eccipjenti dejjem qablu li huhom l-attur John Ellul jithallas il-porzjoni riservata spettanti lilu skond il-Ligi u a tenur l-ahhar testment, tant illi ghamlu diversi tentattivi *tramite* l-legali taghhom sabiex il-porzjoni riservata dovuta lilu tkun likwidata u eventwalment imhallsa.

2. Illi l-eccipjenti ma qablux ma' l-istimi li ghamel l-attur tal-assi ereditarji tad-defunt missierhom Assuero Ellul, *stante* li rapport tekniku maghmula minn Perit Arkitett mqabbad minnhom *ex-parte* jindika valutazzjoni differenti mill-istima li wasal ghaliha l-attur, *oltre* l-fatt ukoll illi l-attur qatt ma ried jiehu nkunsiderazzjoni oggetti ohra li nghataw lilu akkont tal-legittima u dan skond l-ahhar testment tad-defunt Assuero Ellul.

3. Illi subbordanament u bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti xtaqu jittransigu dina l-vertenza billi bla pregudizzju ghalihom accettaw illi jhallsu l-ammont tal-porzjoni riservata skond il-valutazzjoni maghmula mill-attur u kif ukoll terz tal-ispejjez gudizzjarji kull wiehed, izda l-attur illum qed jinsisti li l-intimati ghandhom jirrinunzjaw ghall-porzjoni riservata spettanti lilhom

> skond il-ligi fuq l-assi ereditarji tad-defunta ommhom Crocefissa Ellul, pretensjoni illi assulutament mhix accettabbli mill-eccipjenti.
>
> Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> Bl-ispejjez u bl-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Assuero Ellul (il-konvenut Ellul) tas-17 ta' Settembru 2012 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:-

> "1. Illi t-talba ghal porzjoni riservata hija dekaduta bit-trapass ta' ghaxar snin mid-data tal-mewt ta' Assuero Ellul il-missier li miet fid-29 ta' Marzu, 1998 u c-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-20 ta' April 2012 u cioe` erbatax-il sena wara l-mewt ta' Assuero Ellul.
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju, John Ellul irid igib akkont tas-sehem tieghu tal-porzjoni riservata kull ma rcieva matul hajtu.
>
> Salvi eccezzjonijiet ohra".

Rat in-nota tal-Attur tad-9 ta' Awwissu 2013, li permezz tagħha ċeda l-Kawża fil-konfront tal-konvenuti Parnis u Aguis filwaqt li żamm ferm il-posizzjoni tiegħu fil-Kawża fil-konfront tal-konvenut Ellul.

Rat is-Sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 2014 minn liema Sentenza ġie interpost Appell.

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar 2019 li ħassret u rrevokat is-Sentenza fuq imsemmija u rrinvijat l-atti lil din il-Qorti għall-kontinwazzjoni.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-kontendenti huma lkoll ulied Assuero Ellul li miet fid-29 ta' Marzu 1998. Il-wirt tiegħu huwa regolat b'testament fl-atti tan-nutar Joseph Raphael Darmanin. Bis-saħħa ta' dan it-testment, l-imsemmi ddispona minn ħwejġu għal wara mewtu billi ħalla lill-konvenuti aħwa Ellul, eredi universali u ħallilhom ukoll żewġ postijiet bħala prelegati. Lill-Attur ħallilu biss il-leġittima ossia l-porzjoni riservata bil-liġi.

**2.** Fl-imsemmi testament, l-imsemmi Assuero Ellul iddikjara, li tul ħajtu lill-Attur kien tah żewġ trakkijiet tal-ġebel u xi ġid ieħor u għalhekk ried, li dawn jiġu imputati lil-leġittima talvolta dovuta lill-Attur skont il-liġi. L-Attur qiegħed jiċħad li hu qatt irċieva xi ġid mingħand missieru Assuero Ellul.

**3.** L-Attur għalhekk qiegħed jagħmel din il-Kawża, biex jieħu sehemu rappresentanti din il-leġittima u qiegħed jitlob tali ħlas mingħand il-konvenuti. Kif inghad aktar 'l fuq, huwa transiġa l-mertu fil-mori ta' din il-Kawża ma' tnejn mill-konvenuti ħlief għall-konvenut Ellul. Għalhekk saret din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

**4.** Jirriżulta ċar, li l-Attur qiegħed jaġixxi abbaċi tal-azzjoni għall-ħlas tal-porzjoni riservata ġja leġittima. Din il-materja hija regolata minn artikolu 616 tal-Kodici Ċivili li jiddisponi hekk:

*"(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew*

*adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta'dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

*(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija*"

**5.** Bħala osservazzjonijiet ta' natura ġuridika, l-insenjament ġurisprudenzjali in materja huwa pjuttost paċifiku u ċar. Il-leġittima hija dik il-parti tal-proprjeta' tal-mejjet li l-liġi twarrab għal uliedu u lil dawk kollha mnissla minnu li għandhom dritt għaliha skont il-liġi.

**6.** Il-leġittima kunsidrata bħala għamla ta' wirt intestat, li tiddevolvi *ex lege* u li sa ċertu punt hija limitazzjoni għad-dritt assolut, li jappartjeni lill-mejjet, bħala sid tal-beni tiegħu, li jiddisponi mill-proprjeta' tiegħu "*in the most absolute manner.*" (Ara Art.320 Kap.16). Illi salv din il-limitazzjoni legali, it-testatur għandu d-dritt li jiddisponi mill-beni tiegħu kif jidhirlu. "*Il-ligi tirrikonoxxi li d-decujus ghandu l-fakolta' li jiddisponi [mill-proprjeta' tieghu] b' mod pur u semplici bla ma timponilu ebda determinazzjoni ta' l-ispeci tal-beni li minnhom jiddisponi*". Minn dan isegwi li jekk it-testatur ma jaqbiżx dik il-porzjoni tal-assi imwarrba mil-ligi għall-leġitimarji, huwa jista' jiddisponi mill-beni tiegħu kif irid hu. (Ara **Sentenzi tal-PA fl-ismijiet Maria Lombardo -vs- Rosina Lombardo tal-4 ta' Jannar 1881,**

**App.Ċiv. fl-ismijiet Enrico Vassallo noe -vs- Giuseppina Mallia tal-24 ta' Frar 1930; PA fl-ismijiet Maria Wismayer et -vs- Ruggier Wismayer et tat-22 ta' Mejju 1950; PA. fl-ismijiet Giuseppa Sammut -vs- Grazia Refalo et tat-30 ta' Ġunju 1954; PA fl-ismijiet Francesco Saveria Fava -vs- Elisabetta Camilleri tal-10 ta' Diċembru 1954; PA fl-ismijiet Francesco Caruana et -vs- Valentina Caruana tad-9 ta' Diċembru 1955** u fl-aħħar nett **Appell fl-ismijiet Joseph Vella -vs- Anthony Bezzina tal-20 ta' Novembru 1998**).

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Il-Qorti tibda biex tirrileva, li fil-bidu ta' din il-Kawża b'xi mod jew ieħor il-konvenuti kollha rrikonoxxew li l-Attur bħala intitolat għal sehem bħala leġittima. Il-konvenuti bniet mill-ewwel jaqblu li dan għandu jitħallas sehemu u kif ukoll il-konvenut l-ieħor implicitament bit-tieni eccezzjoni tiegħu meta jgħid li minnha għandu jnaqqas dak li rċieva tul ħajtu. Apparti dan bl-iskrittura bejn l-Attur u l-konvenut Ellul dan tal-aħħar irrikonoxxa dan il-fatt, kif fil-fatt anke argumentat il-Qorti tal-Appell suċitata. Wara kollox anke l-istess decujus jiddisponi b'mod ċar li qiegħed iħalli lil ibnu, kif isejjaħlu "Gianni", il-leġittima tant li jgħid li li għandhom jiġu imputati lill-leġittima "*spettanti lill-istess Gianni*" xi beni li ħa f'ħajtu (ara a fol 9 ).

**8.** Imma anke kieku l-affarijiet mhux daqstant ċari fattwalment, xorta jirriżulta, li l-Attur għandu dritt għall-porzjoni riservata bil-liġi ġja leġittima. Sakemm l-Attur ma ġiex diseredat ai termini ta' xi waħda mir-raġunijiet elenkati f'artikolu 623 jew ma jiġix dikjarat li ma jistħoqqlux jiret u cioe'

indinjuz li jiret għal xi waħda mir-raġunijiet li ssemmi f'artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili u sakemm huwa huwa l-wild naturali tad-decujus, allura *ipso iure* huwa għandu dritt għall-porzjoni riservata. Li jqum bħala dibattitu huwa kif din għandha tkun kalkolata.

**9.** Ai fini ta' kalkolu ta' leġittima, jingħad li "*si calcola sull' intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie*" (Ara Sentenza **Vol. IX pagna 297**). Għalhekk għandha tiġi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jrid jitnaqqas id-dejn inkluż l-ispejjeż tal-funeral tad-decujus. Fis-sentenza riportata fil-**Volum XXXIII.i.4722** ingħad ukoll li: "*Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta' kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' benificenza*".

**10.** L-awturi fuq il-materja jgħallmu ukoll li "*Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any*

*property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights*" (**Prof. Caruana Galizia fin-Notes on Law of Succession, paġna 1021; Artiklu 620(4) tal-Kodici Civili (Kap. 16**)).

**11.** Fil-verita', din ir-rikomposizzjoni fittizzja tal-patrimonju tal-mejjet hija magħmula, mhux biss bl-addizzjoni ta' għotji li d-decujus ikun għamel kemm lil terzi u lill-membri oħra tal-familja, iżda anke bit-tnaqqis lill-istess leġittimatarju u dan billi jitnaqqsu mil-leġġittima jew porzjoni riservata spettanti lilu, dawk il-beni li jkunu ingħatawlu gratwitament. Di fatti, din hija waħda mill-eccċċezzjonijiet li qiegħed iqanqal il-konvenut u dan anke fuq dak li ddikjara d-decujus stess rigward żewġ trakkijiet u beni oħra kif diġa' senjalat aktar 'l fuq.

**12.** F'dan ir-rigward huwa minnu li dak li jrid it-testatur għandu jingħata effett, iżda fil-każ bħal dikjarazzjoni bħal dik imsemmija, għandu dejjem ikun hemm xi xorta ta' korraborazzjoni materjali jekk din id-dikjarazzjoni tiġi kontestata bħal ma huwa l-każ odjern. Li kieku dak li jiddikjara t-testatur jittieħed bħala vanġelu mingħajr ħtieġa ta' prova kuntrarja, ikun qiegħed jinfetaħ bieb li jagħti lok għall-evażjoni tal-leġġittima ossia porzjoni riservata skont il-liġi.

**13.** Fil-każ li għandha quddiemha jirrisulta, li dawn iż-żewġ trakkijiet dejjem kienu fuq isem l-Attur. Ma hemm ebda ħjiel jew prova li kienu tad-decujus. Jirrisulta li trakk minnhom, bejn is-6 ta' Mejju 1966 u t-tlettax ta'

Jannar 1977 kien fuq Alfred Camilleri u mit-13 ta' Jannar 1977 sal-lum fuq John Ellul. It-trakk l-ieħor illum huwa skrappjat. Pero' dan kien fuq Nazzareno Barbara bejn is-6 ta' Lulju 1972 u 23 ta' Ottubru 1974 u fuq John Ellul mit-23 ta Ottubru 1974 sal-lum (ara a' fol 282 sa 284).

**14.** Huwa ċar li dawn it-trakkijiet kienu fuq ħadd ieħor qabel ma daru fuq l-Attur. Prova li dawn it-trakkijiet tħallsu minn flus id-decujus ma nġabitx u l-anqas xi skrittura fejn turi li d-decujus irriserva d-dritt ta' propjeta' fuq dawn iż-żewġ trakkijiet minkejja li kienu fuq isem l-Attur. L-anqas ma nġiebet xi prova li apparti dawn it-trakkijiet inkwistjoni, id-decujus ta gratwitament xi beni oħra. Dan ifisser li ma hemm xejn x'jiġi imputat skont il-liġi lil-leġittima mistħoqqa lill-Attur.

**15.** It-tieni punt huwa dak li jirrigwarda il-*puncto temporis* ta' meta għandhom ikunu valutati l-beni sabiex is-siwi tagħhom jkun imputat lil-leġittima. Dan l-eżerċizzju huwa partikolarment importanti fil-każ tal-immobbli, għaliex dwar flejjes depositati fil-banek ma għandux ikun hemm problema għaliex dawn huma li huma. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-valur li għandu jingħata huwa dak fi żmien tal-mewt tad-decujus.

**16.** F'dan ir-rigward intqal hekk :

"…*li, ghal finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli,*

*anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni*." (Ara **Sentenza tal-App. Ċiv tal-10 ta' Diċembru 1973 fl-ismijiet Concetta Vella et -vs-Giuseppe Bugeja et** [mhux pubblikata]).

**17.** Illi għar-rigward ta' dak li jargumenta l-Attur fis-sens li l-valutazzjoni għandha tirrifletti l-valur tal-ġid fuq is-suq qrib id-data tal-għoti ta' din is-sentenza l-Qorti tinnota dan: li fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi tal-wirt għall-finijiet li jiġi stabbilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni, ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu, għaliex il-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-successjoni huwa intrinsikament marbut sfiq u ħaġa waħda ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet.

**18.** Propju għalhekk, dawn il-Qrati japplikaw il-kunċett tal-finzjoni tar-rikomposizzjoni tal-beni tad-decujus f'ċirkostanzi bħal dawn. Li kieku kellu jiġi argument li l-valur li għandu jingħata għandu jkun dak li l-eqreb mument meta tingħata s-Sentenza ma kienx ikun kwistjoni ta' finzjoni biss, iżda xi ħaġa oħra għaliex tkun qed tmur fil-ġejjieni. Mentri finzjoni fiha nnifisha huwa vjaġġ, biex insejħulu hekk, legalment virtwali lejn l-imgħoddi li f'dan is-sens hija finzjoni statika u tħares lura. Il-Qorti issaħħaħ il-fehma tagħha b'dak li jiddisponi l-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

*"L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekkit-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu,tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139"*.

**19.** Minn dan l-artikolu jemerġi, li hu partikolari għal kodiċi tagħna, b' mod l-aktar ċar, li l-leġislatur ried li jaħseb għaż-żmien twil li jgħaddi mill-mewt tad-decujus sa meta titħallas il-leġittima. Sabiex jagħmel tajjeb għat-trapass ta' żmien, ħaseb b'mod partikulari għall-imgħaxijiet sal-punt, li anke ħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex timponihom, ċirkostanza rari jekk mhux ukoll unika. Il-Qorti temmen li dan l-artikolu li ġie introdott bl-ATT XVIII tal-2012 kull dibattitu dwar x'għandu jkun il-valur tal-beni imputabbli għall-leġġittima ġie terminat. Li kieku kellu jiġi argumentat xorta oħra, il-leġittimatarju ikun ser jiġi ppremjat darbtejn: bil-prezz attwali u b'dawn l-imgħaxijiet. Din il-Qorti ser tkun qed tapplika għalhekk dan l-artikolu.

**20.** Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel il-valutazzjoni tagħha kif titlob il-liġi. Il-patrimonju tad-decujus kienet magħmula:

Il-Qbiela tar-razzett ġewwa Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Bengħajsa li tħalla bħala prelegat lill-konvenut.

Tul il-process din il-qorti ma ltaqgħet ma ebda valur dwar dan il-beni. B'dana kollu ma jfissirx li ma għandha tagħti ebda valur. Għalhekk abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwittativa, din il-Qorti qegħdha *arbitrio boni viri* tattribwixxi valur għal din il-qbiela fl-ammont ta' tlett elef ewro (**€3000**).

**Valur Immobbli**

Kif spjegat aktar 'l fuq il-Qorti il-valur li ser jittieħed għall-fini tal-valur immobiljari huwa dak fil-mument tal-mewt tad-decujus u mhux dak l-eqreb lejn is-Sentenza. Dan ifisser hekk:

Fond 24, San Mikiel Birżebbuġia valutat **€37,500** fl-1998 (a' fol 214)

Fond 26, Triq San Mikiel Birżebbuġia valutat **€68,500** (a' fol 223)

Għalhekk il-valur taż-żewġ propjetajiet flimkien jammontaw għal **€106,000**

**Flejjes fil-Banek u investimenti**

Dawn huma s-segwenti :

BOV LM3124.56 ekwivalenti għal **€7,278.27** (Ara xhieda ta' Joanna Bartolo u dokumenti minnha esebiti a' fol 189).

HSBC **€4698.21** (Ara xhieda ta' Lorraine Attard (fol 229 sa 261 u dokumenti esebiti minn din ix-xhud).

HSBC hemm ukoll tlett kontijiet oħra li jammontaw għal **€16,621.26** (Ara a' fol 248, 256 u 262).

Malta Stock exchange 7% MGS 2003(11) Lm.101 Valur LM2,034 u kif ukoll 7.25% KSBC Loan Stock 2005 Lm101.7 valur LM3.152.70. B'hekk il-valuri ta' dawn iż-żewg investimenti jammontaw għal **€12,083.40**.

**Kalkolu tas-sehem riservati ossia porzjoni riservata**

Valur totali li fuqu trid tkun il-porzjoni riservata lill-Attur għalhekk fit-total taghha hi: **€149,681,14**.

Artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi fost oħrajn hekk:

*"Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta'dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu".*

Mela dan ifisser li sehem dovut lill-Attur huwa wieħed minn tnax il-biċċa ($^{1}/_{12}$) tal-valur totali fuq imsemmi li jwassal għall-ammont ta' tnax-il elf erbgħa mija u tlieta u sebgħin punt tlieta u erbgħin tal-ewro (€12,473.43).

<u>Imgħaxijiet</u>

**22.** Kif jippremetti anke l-Attur fir-rikors promotur tiegħu, Assuero Ellul, missier il-kontendenti miet fid-29 ta' Marzu 1998. Huwa minnu li l-Attur presenta ittra uffiċjali fit-28 ta' Marzu 2008 li ġiet notifikata fis-7 u 14 ta' April 2008 lil Victoria Agius u Maria Pisani rispettivament (ara a fol 17 u 16). Il-ftuh tas-suċċessjoni huwa presunt li seħħ fid-data tad-deċess u din l-ittra uffiċjali ġiet presentata <u>għaxar snin wara.</u> Għalhekk dan ifisser, li kull imgħax abbażi tal-artikolu 615 beda jiddekorri mid-data *tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn.* Il-Qorti tqies, li ai fini ta' dawn il-proċeduri, l-att ġudizzjarju inkwistjoni huwa propju r-rikors ġuramentat li bih inbdiet din il-Kawża, bl-ewwel notifika tiegħu seħħet fit-8 ta' Ġunju 2012 lil Maria Pisani. Stante li l-eredi huma solidarjament bejniethom responsabbli għall-ħlas kemm tal-legati u anke tal-leġġittima, hija minn din id-data li ser takkorda imgħaxijiet.

**23.** L-artikolu fuq imsemmi jirreferi għall-artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

"*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġettil-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena*".

**24.** Il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom il-fatt li l-kontendenti ma humiex fil-kummerċ, illi kieku d-decujus investa l-ammont fiż-żmien tad-deċess f'kont bankarju fiss l-interessi ma kienux ikunu ogħla minn 5% (għal dawn l-aħħar snin xejn). F'dawn iċ-ċirkostanzi tkun ġusta rata ta' 5% imgħax. Dan l-imgħax għandu jitħallas b'effett mit-8 ta' Ġunju 2012, meta l-ewwel darba din il-Kawża ġiet notifikata skont il-liġi sal-pagament effettiv dejjem bl-istess rata ta' imgħax.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet Attriċi fil-konfront ta' Maria Parnis u Victoria Agius, stante li din il-Kawża ġiet ċeduta fil-konfront tagħhom fil-mori tal-Kawża.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u konsegwentement tillikwida l-porzjoni riservata dovuta lill-Attur fl-ammont ta' **tnax-il elf erbgħa mija u tlieta u sebgħin punt tlieta u erbgħin tal-ewro (€12,473.43).**

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut Assuero Ellul iħallas is-somma hekk likwidata lill-Attur, bl-imgħaxijiet legali ta' 5% b'effett mit-8 ta' Ġunju 2012 sal-pagament effettiv.

Spejjes a' karigu tal-konvenut Assuero Ellul, salv tal-konvenuti l-oħrajn li għandhom ikunu sopportati mill-Attur jekk huwa l-każ.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**